# Preżentazzjoni ta’ rumanz bil-Malti






Preżentata minn:
Diane Sant
u
Martina Borg

Skola St Joseph, Tas-Sliema

# Punti dwar l-istorja ...

Din l-istorja tiftaħ b'każ li seħħ ġo raħal partikolari, fejn tliet persuni jiltaqgħu ma' pakkett ta' flus foloz. Wara ħafna investigazzjonijiet, saru jafu li din kienet biss ċajta goffa.

Minn wara dan il-kapitlu, niltaqgħu ma' Glen, żagħżugħ li kien il-moħħ wara din iċ-ċajta. Glen ippjana li jdaħħal lil sħabu sabiex flimkien jingħaqdu fi grupp, u jwettqu sfidi differenti, sabiex ikunu jistgħu juru l-kapaċità tagħhom u fl-istess ħin, jieħdu gost jissugraw. Permezz tal-polza, il-persuna magħżula kellu jkollha l-kuraġġ meħtieġ sabiex twettaq l-isfida li tkun aċċettata minn kulħadd. Dawn l-isfidi fil-fatt ħallew impatt qawwi fuq in-nies tar-raħal minħabba li dawn kienu jsiru fuq nies partikolari sabiex jinkuhom jew sempliċement biex iqajmu l-konfużjoni f'mod kemxejn goff.

F'din l-istorja naraw ukoll il-ħajja ta' dan il-grupp ta' żgħażagħ u d-diffikultajiet li jiffaċċjaw fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Madankollu, fl-aħħar tal-istorja, tiġri xi ħaġa minħabba ċajta li kienu ppjanaw u li għalhekk, dawn l-isfidi jispiċċaw darba għal dejjem.



# Il- Karattri Prinċipali

Niltaqgħu ma':

- Glen
- Kurt
- Selina
- Katia
- Dustin
- Lee l-'MudPie'
- Freddie l-'Burger'
- Rita l-Monsinjur
- Fr.Tony
- Iz-zija Jessie
- Sandra Vella

# Karattri li ħallew impatt fuqna...

- Il-karattru li ħalla effett partikolari kien Glen. Dan għaliex għalkemm jidher kwiet u riservat, naraw li kif tiżvolġi l-istorja, Glen jinsab f'kunflitt miegħu nnifsu, kif ukoll ma' familtu. Dan il-karattru tant jaljena rasu, li xi drabi, ma jkunx iffukat fuq dak li qed jiġri madwaru, ħlief sabiex jikkrea l-isfidi u jippreparahom għal sħabu. Glen ukoll ħalla impatt fuq l-istorja minħabba li kien riservat, u nistgħu wkoll nuru ċertu sens ta' simpatija lejh, minħabba s-sitwazzjoni li jinsab fiha u t-trawma li għadda minnha b'kawża tal-mewta t'ommu.

- Karattru ieħor li ħalla impatt fuq l-istorja kienet iz-zija Jessie. Dan għaliex din il-mara armla kienet temmen f'ħafna affarijiet strambi, u kellha ħafna drawwiet li ma kinux jimxu man-normalità tan-nies li kienu jgħixu f'dan ir-raħal.

- Karattru favorit kien FrTony, għax kien għadu żagħżugħ, u ftit iktar modern fl-ideat u l-mentalità tiegħu, u għalhekk, kien l-idolu ta' ħafna miż-żgħażagħ li kienu jiffrekwentaw iċ-Ċentru.



# Aspetti li laqtuna dwar il-ktieb

Diane:

- Billi Trevor Żahra huwa magħruf għall-kitbiet tiegħu, għandu ħafna esperjenza fejn jidħol qari addattat għaż-żgħażagħ. Fl-opinjoni tiegħi din l-istorja tista' tifhimha faċilment, għaliex fiha kliem li huwa sempliċi u mitkellem minn kulħadd fil-ġurnata ta' kuljum. L-istorja fiha wkoll għadd ta' esperjenzi li huma partikolarment marbutin maż-żmien taż-żgħożija, kif ukoll deskrizzjonijiet partikolari u użu ta' termini letterarji li jżidu iżjed kulur fl-istorja, u li jħalluk bis-suspans sal-aħħar.

Martina:

- Jiena għoġbitni din l-istorja għaliex iżżommok interessat u b'ħeġġa sabiex tkompli taqra. Tista' tara l-ħbiberija bejn il-karattri fil-grupp, u għoġbitni l-idea li qegħdin jagħmlu sfidi differenti, anke jekk xi ftit minnhom kienu serji u mhux ta' min jiċċajta fuqhom.



# *Nirrakkomandawh il-ktieb?*

- <u>Diane:</u> Dan il-ktieb nirrakkomandah għaliex jiddeskrivi biċ-ċar is-sitwazzjonijiet li jiffaċċjaw ħafna żgħażagħ f'dan il-perjodu, meta jinsabu f'kunflitt bejn dak li tixtieq qalbhom, kif ukoll bejn dak li qed jippruvaw jagħmlu sabiex jintgħoġbu minn sħabhom. Għalkemm jiena marbuta ħafna mal-kotba tal-azzjoni, xorta naħseb li dan il-ktieb kien opportunità fejn nista' naqra xi ħaġa li tkun kemxejn differenti minn dak li naqra s-soltu.

- <u>Martina:</u> Jiena nirrakkomandah dan il-ktieb iżda ħa nħallikom bil-kurżità sabiex żgur taqrawh wara din il-preżentazzjoni!



# It-Tmiem





